## Mill-Arkivju Mużikali

# *Innu lil San Filippu ta' Agira*



**Philip E. Said**
**B.A. (Hons.), S.Th.Dip., Dip. Guid. & Couns.**

Madwar sena u nofs ilu, is-Sur Salvu Chetcuti, anzjan fil-kariga ta' teżorier tal-Każin Banda San Filep, għaddieli partitura mużikali ta' innu lil San Filippu ta' Agira, waqt li wrieni x-xewqa li xi darba dan l-innu jindaqq mill-Banda San Filep. Bħas-soltu fejn tidħol il-banda interessajt ruħi, u tkellimt ma' ħabib ieħor, is-Sur Michael Ciantar li dik il-ħabta kien surmast-direttur ta' l-istess banda. Tkellimna flimkien u, kif idderiġieni s-Sur Ciantar biex nimxi mal-mużika, bdejt nifli u nislet il-kliem imferrex qalb in-noti.

Il-kompożizzjoni mużikali hija tas-Surmast Giuseppe Caruana. Caruana żviluppa dan ix-xogħol fi tliet movimenti: wieħed għat-Tenur, ieħor għall-Baxx, u parti oħra għall-Kor tat-Tfal. Fuq il-parti għat-tfal (*Parte dei Ragazzi*) hemm il-kliem *Orchestra Mendelsshon*, Żebbuġ. Nieħu dan bħala indikazzjoni ta' żewġ fatti: l-ewwel, li Caruana kiteb dan l-innu għall-orkestra jew Kappella li kien waqqaf hu stess bl-isem ta' Mendelsshon, il-kompożitur Ġermaniż li, għalkemm għex ħajja qasira (1809-1847), irnexxielu jonqox ismu fl-istorja mużikali; it-tieni, li din il-Kappella kienet tagħti servizz f'Ħaż-Żebbuġ.




Il-kliem ta' l-innu huwa bit-Taljan. Fil-partitura ma sibt ebda indikazzjoni ta' min kiteb it-*text*. Però jekk wieħed jara l-mod sistematiku ta' kif kien jaħdem Caruana, jista' jasal għal xi konklużjoni probabbli dwar l-awtur tal-kliem ukoll.

## Giuseppe Caruana

Bħala kompożitur Malti, Giuseppe Caruana (1880-1931) iddistingwa ruħu fil- fergħa tal-mużika sagra. Kiteb madwar tliet mitt kompożizzjoni sagra (Ġorġ Mifsud, 1981 ċitat minn J. Vella Bondin, 2000) li l-biċċa l-kbira minnhom jinsabu fl-arkivju mużikali tal-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina. Fosthom insibu Quddies, Salmi, Innijiet tal-festi, Offertorji u Responsorji. Kien jiktibhom għall-Kappella li tagħha kien *maestro di cappella*. Flimkien mal-parroċċi ta' Porto Salvo, il-Mosta, il-Marsa, u l-Mellieħa, il-Kappella ta' Caruana kienet tieħu sehem fil-festi liturġiċi fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ (ibid.). X'aktarx,

għalhekk, li kienet l-istess Kappella li tissemma bħala *Orchestra Mendelsshon* fl-innu li qegħdin nistudjaw.

Caruana għex u ħadem fi żmien Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali (1871-1961). Miegħu iltaqa' mill-qrib fl-għanijiet reliġjużi aktar milli personalment. It-teoloġija ta' Dun Karm imwassla fil-kelma Maltija li tiftiehem minn kulħadd iltaqgħet mat-teknika mużikali ta' Caruana li ssarfet f'armonija li tiġbrok meta tismagħha. Il-kliem u l-mużika ta' innijiet bħal: *L-Innu ta' Filgħodu, L-Innu ta' Filgħaxija, Fil-Ħlewwa ta' Mejju, Tina l-Ħlewwa, Nagħtuk Qalbna, Nagħtuk Ruħna* u *T'Adoriam Ostia Divina* (*Nadurawk ja Ħobż tas-Sema*) huma ta' kwalità li jolqtu d-dimensjoni spiritwali u jerfgħu 'il fuq ruħ il-bniedem, l-aktar meta jitkantaw f'miġemgħa ta' talb.

Bħal kull biċċa xogħol artistika ġenwina, il-mużika sagra komposta minn Giuseppe Caruana *tirrifletti qisha f'mera* r-ruħ ta' min kitibha. Hekk jafferma Joseph Vella Bondin (2000) li fil-ktieb tiegħu *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* fis-sensiela Kullana Kulturali jiddeskrivi x-xogħlijiet ta' Caruana bħala "melodjużi u ħerġin mill-qalb" u "espressjoni naturali ta' personalità rżina, reliġjuża u b'imħabba kbira għall-familja" (p.137).

Il-poeżija reliġjuża ta' Dun Karm minsuġa mal-mużika "liturġika inventiva" u meqjusa ta' Caruana jesprimu tematika unita u jsiru parti integrali mill-kultura tagħna l-Maltin. L-impenn konsistenti ta' Caruana li jikteb il-mużika għall-poeżiji reliġjużi ta' Dun Karm fuq medda ta' żmien juri xeħta (bl-Ingliż *pattern*) li tista' tindikalna li l-kliem ta' dan l-innu li għandi f'idejja hu xogħol ta' Dun Karm. Jekk hu hekk, allura, żgur li nkiteb qabel l-1921 meta Dun Karm kien għadu jikteb il-poeżiji bit-Taljan.

***ikompli f'paġna 117***

## L-Innu

Ħa niġu għat-*text* li slitt mill-melodija siekta quddiemi. Bdejt biex ħadt it-tliet movimenti wieħed wieħed u ħriġt il-kliem separatament li jrid jitkanta mit-Tenur, il-Baxx u l-Kor tat-Tfal. B'hekk stajt nara fejn qiegħda r-repetizzjoni jew aħjar il-konverġenza (jew konfluwenza) bejn it-tliet protagonisti ta' din il-kompożizzjoni mużikali. Dan wassalni biex nibni t-*text* bit-Taljan kif qiegħed nirriproduċi hawnhekk:

| **Inno A San Filippo d'Agira** | **Innu lil San Filippu ta' Agira** |
|---|---|
| Padre, incedi dal bianc' ammantato<br>Fra la turba dei figli plaudenti<br>Su le messi del Maggio ridenti<br>Nella festa dei vivdi fior. | Itfa', Missier, mis-sema li jdawwarna<br>Il-pass tiegħek fuq uliedek ħerqana<br>Int u għaddej setgħani fost il-qamħ<br>Diehbi u l-fjuri ta' Mejju daħkana. |
| Oh! non odi dei canti festivi<br>La gioconda divina armonia?<br>Benedici la turba che pia ti saluta<br>Ti saluta ferventi d'amor. | M'intix tisma' minn ta' l-għanjiet ferrieħa<br>In-nisġa ta' lwien sbieħ u t'armonija?<br>Bierek dan in-nisel hu u jsellimlek<br>Bil-qalb, bi mħabba fawwara smewwija. |
| Qui, tra l'opra dei forti colori<br>E le spole d'industri donzelle<br>Spieghero le mie tende piu belle<br>Piu gradite dei cieli, al Signor. | Hawnhekk, f'dil-festa ta' mużika u lwien<br>Mar-ritmu tan-newl mix-xbejba ħawtiela,<br>L-għamara li nwaqqaf għal ġieħek, Missier,<br>Tkun l-aktar għal qalbi w l-isbaħ fi ġmielha. |
| Cara terra da esule ulivo<br>Coronata d'intorno intorno,<br>Qual, tra i padri, piu lieto soggiorno<br>Ebbe mai di sua figlia nel cor? | Art għażiża biż-żebbuġ sfiq imlibbsa,<br>Ħabbara f'kull żmien ta' l-għelma tas-sliem,<br>Liema mkien aktar kenni, iżjed ħlejju<br>Minn Ismek kburi li jħaddar bla tmiem? |
| Nell'amplesso d'un padre amoroso<br>Tempestato di baci roventi<br>Tra il sussurro dei teneri accenti<br>Non ambisco terreno splendor. | Miegħek, Filippu, f'tgħannieqa ta' mħabba,<br>U bi kliemek, b'dik ħarstek li jwennsuni,<br>Għal ebda art oħla ma tixxennaq ruħi<br>Ħlief hawn fejn dirgħajk fis-sod imexxuni. |
| Sempre uguale qual notte serena<br>Per me scorre la vita fugace,<br>A me basta l'ulivo di pace<br>Ne abbiam altri cruenti d'allor. | Hekk, mal-ħemda tal-lejl, tgħaddi rrid ħajti<br>Kif tar iż-żmien ħafif b'missirijieti,<br>B'bewsa u b'fergħa tal-paċi f'idejja<br>M'Ismek u Ħaż-Żebbuġ ngħanni ġrajjieti. |

Għamilt traduzzjoni libera għall-Malti, iżda żammejt mal-linja tal-ħsieb, jiġifieri, dak ta' supplika jew talba lil San Filippu bħala Missier u ta' eloġju lil Ħaż-Żebbuġ hekk imħares mill-Qaddis li għażel b'Patrun tiegħu. Żammejt din it-traduzzjoni bil-vers tal-ħdax biex nirrispetta s-solennità tat-tema mixtieqa mill-awtur oriġinali.

Hija x-xewqa ta' ħafna li nisimgħu l-Banda San Filep tesegwixxi u toħroġ mid-dlam ta' l-arkivju dan l-innu. Għandi għax naħseb, meta nifhem il-ħila mużikali li juri diversi drabi s-surmast-direttur preżenti, *Maestro* Raymond Fenech, li hu jieħu f'idejh din l-opra biex napprezzaw is-sbuħija tal-melodija ta' Caruana u ntiegħmu l-ħlewwa tar-ritmu tal-poeżija.


**REFERENZI:**

Vella Bondin, Joseph (2000). *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxin*, Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta, Volum 19, pp. 137-138.

Friggieri, Oliver (1980). *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura* Pubblikazzjoni Klabb Kotba Maltin